# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 53**

**15 ta' Novembru 2016**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Kommunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Aġent Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**53.1 Iż-żjara tal-E.T. il-President ta' Malta fil-lokalita' tal-Fontana**

53.1.1 Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa ż-żjara li l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, ser tagħmel fil-lokalita' tagħna bħala parti mill-attivitajiet tal-Istrina 2016.

Is-Sindku qal li l-Uffiċċju tal-President infurmana li ż-żjara li kellha ssir nhar is-Sibt 26 ta' Novembru filgħodu ġiet posposta għall-Ġimgħa 25 ta' Novembru bejn is-7.10pm u t-7.40pm. Dan ġara peress li l-Kappillan kien infurmahom li ser ikun irtir matul il-jum tas-Sibt. Is-Sindku qal li fl-istess ħin taż-żjara tal-President fil-Fontana, ser tiġi organizzata ikla fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija filwaqt li dakinhar ikun ukoll it-tielet jum tat-tridu bi tħejjija għal din il-festa.

Is-Sindku Saviour Borg talab lill-Kunsilliera sabiex jissuġġerixxu post fejn il-President tkun tista' tintlaqa'. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-President għandha tiltaqa' mal-komunita' tagħna fuq iz-zuntier tas-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' wara li tintemm il-funzjoni tat-tridu tal-festa ta' Sant'Andrija li jkun għall-ħabta tas-7.10pm. F'każ li jkun il-maltemp, din l-attivita' tista' ssir fil-Knisja stess. Ser nieħdu ħsieb ninfurmaw lir-residenti tagħna u anke nitolbu l-awtorizazzjoni tal-Kappillan biex din iż-żjara tkun tista' ssir fuq iz-zuntier jew fil-Knisja skont il-każ.

**53.2 Il-ġabra annwali b'riżq il-*Malta Community Chest Fund***

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din is-sena, l-Uffiċċju tal-President ser jorganizza attivita' f'Għawdex nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru li matulha jinġabru fondi b'riżq il-*Malta Community Chest Fund*. Għaldaqstant, din is-sena, mhux ser jitqassmu *envelopes* lir-residenti imma kulħadd ser ikun liberu li jagħti d-donazzjoni tiegħu waqt din l-attivita' li d-dettalji tagħha ser jitħabbru aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |